MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Numru. 1184/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**JOHN ATTARD**
**JOSEPH BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

John Attard ta’ 59 sena, bin Saviour u Vincenza nee’ Grech, mwieled Marsa fit- 3 ta’ Ottubru 1952, residenti Opal Court, Flat 5, Triq Sir Joseph Carbone, San Giljan u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 751152M;

U

Joseph Borg ta’ 46 sena, bin Saviour u Antonia nee’ Schembri, mwieled Pieta’, residenti 33 Jomari, Triq Tumas Chetcuti, Attard u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 487065M;

Talli bejn Awwissu 2005 u Ottubru 2010 f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, fil- kapacita’ taghhom personali kif ukoll bhala Diretturi tas- Socjeta’ Med Alls Lmtd, approprjaw ruhhom, billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe ma haslux lid- Dipartiment tal- VAT is-somma totali ta’ €12,525.72;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni wara li wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghhom;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputati kienu gia’ hallsu l-ammont dovut minnhom bhala taxxa u penali addizzjonali, u llum ma fadal l-ebda bilanc dovut minnhom;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputati, u tal-fatt li huma gia' hallsu l-ammont dovut minnhom lid-Dipartiment tal-VAT, u wara li rat il-fedina penali netta taghhom, il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena applikabbli ghal dan il-kaz. L-istess Dipartiment ikkonferma mal-Qorti li l-imputati kienu effettivament hallsu l-pendenzi kollha taghhom. Il-Qorti ma tarax li ghandha tippenalizza z-zejjed lil min, minn jeddu, ottempera ruhu mal-ligi qabel ma gew istitwiti proceduri penali kontrih, u ghalhekk sejra ssir distinzjoni fil-piena li s-soltu din il-Qorti taghti favur persuni li jkunu irregolarizzaw il-posizzjoni taghhom bis-shih. Il-Qorti tifhem ikoll li l-ligi tal-VAT qed iggib maghha pieni severi ghal min ma jimxix mad-dettami stretti tal-ligi. Ghalhekk, fil-kaz tal-imputati, il-Qorti sejra taghti sanzjoni fil-komunita' ai termini tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------